Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2012

Numru. 634/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Calleja**

**vs**

**RS**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat RS gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fis-16 ta’ Mejju 2011 u fix-xhur u snin ta’ qabel, gewwa r-Rahal Gdid u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda ;

1. B’eghmil zieni kkorrompa lill-ohtu minuri u cioe lil DS minuri ta’ hdax-il snin;

2. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija minuri DS kontra l-volonta' taghha u dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

3. Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' l-istess minuri DS;

4. Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' l-istess minuri DS;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija minuri DS, u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll flimkien mal-hrug ta' ordni ta' protezzjoni tohrog ordni ta' trattament li jkun mehtieg fil-konfront ta' l-imputat RS u dan ai terminu tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-6 ta' Lulju 2011 (inserita a fol. 24 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(a) Fl-artikoli 18, 203 (1)(a)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) Fl-artikoli 18, 86, 87(1)(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) Fl-artikoli 18, 207, 202(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) Fl-artikoli 18, 204C (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(e) Fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2011 iddikjara li ma kellhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat

bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar il-31 ta’ Mejju 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-provi;

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali netta tieghu, il-fatt li meta kkommetta r-reati li taghhom instab hati l-imputat kien minuri u c-cirkostanzi partikolarissimi tal-kaz u jidrilha li l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna sabiex jeghleb il-problemi li ltaqa’ maghhom fil-hajja u li piena karcerarja ma tkunx piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-6 ta’ Lulju 2011 u senjatament l-Artikoli 18, 203(1)(a)(c), 86, 87(1)(g), 207, 202(h), 204C(1) u 31 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggi lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghall-perijodu ta’ tlett(3) snin millum skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet. Il-Qorti inoltre tpoggi lill-imputat taht treatment order ukoll ghall-perijodu ta’ tlett(3) snin millum taht il-kura tal-psikjatra Dr.

Anton Grech skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tordna lid-Direttur tal-Probation Services u Parole jigi notifikat b'kopja ta' din is-sentenza sabiex jinhatar il-kandidat idoneju ghall-hati.

Il-Qorti qed tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta' isem l-imputat u tal-minuri fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri.

Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza u tat-treatment order jigu notifikati lil Dr. Anton Grech.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perijodu ta' tlett(3) snin millum fejn il-persuna protetta hija DS.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------